MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-30 ta' Awwissu, 2004

Citazzjoni Numru. 178/2004

**Gasan Enterprises Limited**

**vs**

**Stephen Gauci**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-s-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici skond sitt (6) kambjali li l-originali taghhhom sejrin jigu esebiti waqt il-kawza, tinsab kreditrici tal-konvenut fis-somma ta' sitt elef u sitt mitt lira maltin (LM6600);

Illi dawn il-kambjali skadew izda baqghu ma' thallsux u dana nonostante li l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jhallas dan l-ammont;

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi a tenur tal-Artikolu 167 sa 170 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12) billi l-kreditu tal-attur nomine huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tas-socjeta attrici, l-konvenut ma ghandu l-ebda raguni jew eccezzjoni valida x’jghamel f’din il-kawza;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti m’ghandhiex:

Tikkundannah ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt elef u sitt mitt Lira Maltin (LM6600) dovuti skond sitt kambjaliet kif fuq intqal u ghar-ragunijiet premessi, bid-dispens tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12);

Bl-ispejjes, komprisi dawk ta’ ittra legali tat-23 ta’ Frar 2004 u tal-mandat ta’ qbid numru 425/2004 ippresentat kontestwalment ma’ din ic-citazzjoni, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni u bl-imghaxijiet legali kontra l-istess konvenut mid-data ta’ l-iskadenza ta’ kull kambjala;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat li l-konvenut naqas li jippresenta n-nota ta’ eccezzjonijiet tieghu fiz-zmien lilu mghoti u ghalhekk l-istess konvenut ghandu jitqies li huwa kontumaci;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lix-xhud prodott mis-socjeta attrici;

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta’ Gunju 2004;

Ikkonsidrat:

Il-konvenut naqas li jipproduci n-nota ta’ eccezzjonijiet tieghu fiz-zmien lilu mghoti u ghalhekk huwa kontumaci;

Mill-provi prodotti t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk ghandhom jigu akkolti;

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa t-talbiet tas-socjeta' attrici u tikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt elef u sitt mitt lira maltin (LM6600) dovuti skond sitt kambjaliet li skadew izda baqghu ma' thallsux u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjes kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------